

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (it-Tielet Awla) tas-26 ta' Frar 2014 – Diamantopoulos vs SEAE**

(Kawża F-53/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Deċiżjoni li ma tingħatax promozzjoni lir-rikorrent fil-grad ta' AD 12 — Deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-ilment — Deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-ilment wara r-rikors — Motivazzjoni)*

(2014/C 102/64)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: Alkis Diamantopoulos (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis u D. Abreu Caldas, avukat)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: S. Marquardt u E. Chaboureau, aġenti)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma tingħatax promozzjoni lir-rikorrent fil-grad ta' AD 12 skont il-proċedura ta' promozzjoni tal-2012

### **Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li ma tingħatax promozzjoni lil A. Diamantopoulos fil-grad AD 12 skont il-proċedura ta' promozzjoni tal-2012 hija annullata.*
- 2) *Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnati minn A. Diamantopoulos.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 215, 27.07.2013, p. 20.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Frar 2014 – Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-118/11) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra dwar l-irtirar mhux volontarju ta' uffiċjal u l-għoti ta' allowance tal-invalidità — Deċiżjoni li ma tiddeċidix fuq l-oriġini profesjonali tal-marda li ġġustifikat l-irtirar mhux volontarju — Obbligu tal-Awtorità tal-Ħatra li tirrikonoxxi l-oriġini profesjonali tal-marda — Il-ħames paragrafu tal-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal — Neċessità li jitlaqqha Kumitat tal-Invalidità ġdid — Rilevanza ta' deċiżjoni preċedenti adottata skont l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment manifestament infondat)*

(2014/C 102/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, I-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)